# Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar numru 51 (III), miżmuma nharit-Tlieta 10 t'April 2018 fil-17.30, ġewwa l-uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar.

Il-Laqgħa bdiet fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.

---

**Membri Preżenti:**

| | | |
|---|---|---|
| • Anne Fenech | Sindku | (17:30) |
| • Graziella Galea | Kunsilliera | (17:30) |
| • Antoinette Bezzina | Kunsilliera | (17:30) |
| • Dounia Borg | Kunsilliera | (17:30) |
| • Alfred Grima | Kunsillier | (17:32) |
| • Paul Bugeja | Kunsillier | (17:32) |
| • Rodney Galea | Kunsillier | (17:32) |
| • Edward Bugeja | Kunsillier | (17:32) |
| • Stephen Cremona | Kunsillier | (17:32) |
| • Daniel Grima | Kunsillier | (17:32) |
| • Joseph Vella | Kunsillier | (17:33) |
| • Robert Piscopo | Kunsillier | (18:16) |

**Membri Skużati:**

| | |
|---|---|
| • Mandy Buhagiar | Kunsilliera |

Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv – Elke Sghendo

## Minuti

Il-Laqgħa ġiet imsejħa fil-17.30, iżda ma kienx hemm kworum, minħabba li f'dak il-ħin kien hemm biss is-Sindku Anne Fenech u l-Kunsilliera Antoinette Bezzina, Dounia Borg u Graziella Galea.

Is-Sindku Anne Fenech, avżat illi l-membri preżenti għandhom jistennew sa nofs siegħa meħtieġa mil-liġi sabiex ikun dikjarat jekk jintlaħaqx kworum.

Il-Kunsillier Graziella Galea xtaqet tirrimarka li l-Kunsillier Dounia Borg qalet li kien hemm numru ta' Kunsilliera li kienu isfel, pero' ma telgħux għal-laqgħa.

Il-kworum intlaħaq fil-17.32 wara li waslu l-Kunsilliera Daniel Grima, Stephen Cremona, Alfred Grima, Rodney Galea, Paul Bugeja u Edward Bugeja.

Il-laqgħa bdiet fis-17.32 wara li ntlaħaq il-kworum.

Il-Kunsillier Joseph Vella wasal fil-17.33.

### Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

Il-Kunsillier Mandy Buhagiar bgħatet imejl li ma setgħetx tattendi.

### 55/0790/18/I - Mozzjoni li titlob għat-twaqqif ta' Bord responsabbli li jipproponi xogħolijiet infrastrutturali

Mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera Alfred Grima bħala proponent u Paul Bugeja bħala sekondant.

Is-Sindku Anne Fenech ipproponiet li membri ta' dan il-bord ikun hemm ħamsa u mhux tlieta kif miktub, minħabba li hu bord kbir u ta' ċertu responsabbilta'. Tenniet li ghalkemm ikunu ħames membri, imma l-bord ikun jista jintaqa b'minimu ta' tlieta.

Il-Kunsillier Alfred Grima qal li fil-każ tal-proponiment tas-Sindku, ikun hemm bżonn li ssir emenda għall-mozzjoni.

Qal ukoll, li hu u l-Kunsillier Paul Bugeja pproponew tliet persuni u mhux ħamsa minħabba li raw li aktar ma jkun hemm ammont ta' nies, aktar ikun hemm problemi.

Il-Kunsillier Paul Bugeja rrimarka li wara kollox, l-aħħar kelma tkun tal-Kunsill, kemm jekk jiltaqgħu tliet membri tal-bord u anke jekk jiltaqgħu tnejn. Ix-xogħol li jippjana l-bord dejjem irid jgħaddi għad-deċiżjoni tal-kunsill.

KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL
Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe
sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888

Il-Kunsillier Graziella Galea ressqet Point of Order dwar jekk din il-mozzjoni tmurx mal-ispirtu tal-liġi.

Il-Kunsilliera Graziella Galea u Daniel Grima talbu emenda.
Il-Kunsilliera Graziella Galea rrimarkat li kif il-mozzjoni hi miktuba, qiegħdha kontra l-liġi minħabba li l-ebda bord ma jista jwaqqaf lill-Kunsill milli jaġixxi.

Il-Kunsillier Alfred Grima qal li din il-mozzjoni kontra l-liġi mihiex żgur ghax il-hidma tal-kunsill mhiex se tigi mfixkla/

17.47 - Il-Kunsillier Alfred Grima qam minn mal-mejda, sakemm fl-istess waqt, il-Kunsilliera Daniel Grima u Graziella Galea iddeċidew l-emenda.

Il-Kunsillier Paul Bugeja rrimarka li jekk każijiet ma jkunux urġenti, l-ewwel jitilgħu quddiem il-Bord, umbagħad quddiem il-Kunsill.

17.49 - Il-Kunsillier Alfred Grima rritorna mal-mejda

Il-Kunsillier Daniel Grima propona u l-Kunsillier Graziella Galea ssekondat, tliet emendi:

1. F'każ t'emerġenza, il-Kunsill imexxi u ma jistenniex id-deċiżjoni tal-Bord.
2. Fil-każ li l-Kunsill jiddeċiedi li jaqbeż il-bord, il-Kunsill iżomm id-dritt li jieħu azzjoni hu.
3. Il-Bord minflok li jkun fih tliet membri ikun ta' ħamsa, biex f'każ lijkun hemm xi ħadd nieqes, ikun hemm persuna oħra minfloku.

Il-Kunsillier Alfred Grima talab li dawn il-punti jitressqu għal vot.

Voti għall-emenda; 5 Favur: u 6 Kontra

Favur: Is-Sindku Anne Fenech, il-Vici Sindku Daniel Grima, il-Kunsilliera Graziella Galea, Antoinette Bezzina u Dounia Borg.
Kontra: Il-Kunsilliera Alfred Grima, Rodney Galea, Paul Bugeja, Edward Bugeja, Stephen Cremona u Joseph Vella.

Emenda ghal mozzjoni kif kienet prezentata ma ġietx aċċettata.

Voti għall-Mozzjoni oriġinali; 6 Favur: u 5 Kontra

Favur: Il-Kunsilliera Alfred Grima, Rodney Galea, Paul Bugeja, Edward Bugeja, Stephen Cremona u Joseph Vella.
Kontra: Is-Sindku Anne Fenech, il-Kunsilliera Daniel Grima, Graziella Galea, Antoinette Bezzina u Dounia Borg.

Mozzjoni għaddiet kif proposta

<u>Ħatra tal-Membri tal-Bord</u>
Il-Kunsilliera Alfred Grima, Paul Bugeja u Daniel Grima.

*17.59 - Il-Kunsillier Graziella Galea qamet minn mal-mejda.*

### 55/0806/18/I – Mozzjoni li titlob approvazzjoni tal-ħatra ta' Bord responsabbli mill-attivita' kummerċjali kollha fil-lokalita'

Mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera Rodney Galea bħala proponent u Alfred Grima bħala sekondant.

*18.02 - Il-Kunsillier Graziella Galea rritornat għal-laqgħa wara li nqrat il-mozzjoni*.

Il-Kunsillier Rodney Galea fiehem illi minħabba li San Pawl il-Baħar bħala lokalita', hija kummerċjali, il-kummerċ huwa l-iktar bażi li l-lokalita' għandha bżonn u dan il-Bord hu ta' mportanza.

Il-Kunsillier Alfred Grima kompla ma li qal il-Kunsillier Rodney Galea, fejn fil-lokalita' hawn bosta attivita' kummercjali.
Għalhekk jemmnu, li ressqu l-mozzjoni, illi biex inħarsu 'l quddiem għandu jkollna rispons dirett mill-kummerċjanti u fl-istess ħin, ikollna rispons dirett li jirrappreżenta lill-membri tal-pubbliku.

Il-Kunsillier Rodney Galea żied li fil-lokalita' hawn ukoll is-sajjieda, bdiewa u raħħala. Hemm bżonn li l-Kunsill jimxi tajjeb magħhom ukoll peress li l-lokalita' marbuta wkoll mal-biedja u s-sgħajd.

Vot għall-Mozzjoni; Qbil unanimu.

Mozzjoni għaddiet.

Ħatra tal-Membri tal-Bord

Is-Sindku Anne Fenech u l-Kunsilliera Rodney Galea u Mandy Buhagiar (f'każ li ma taċċettax, ikun il-Kunsillier Alfred Grima).

Il-Kunsillier Alfred Grima xtaq iressaq punt li l-membri tal-pubbliku li jintgħażlu, ma jkunux persuni li jħarsu lejn il-politika.

Is-Sindku Anne Fenech qalet li qabel jittieħdu deċiżjonijiet fil-Bord, l-ewwel għandu jkun deċiż li kull membru jaċċetta l-kariga u jkun jista jinnomina lil membri tal-pubbliku li jista jkollu f'moħħu. Dan minħabba li l-Kunsilliera Mandy Buhagiar ma kinitx preżenti waqt din il-laqgħa.

Qbil unanimu għall-punt tas-Sindku u dak suġġeriet.

**55/0807/18/I – Riżoluzzjoni Speċjali rigward il-Bord responsabbli mill-ingaġġ tal-ħaddiema tal-Kunsill**

Riżoluzzjoni mressqa mill-Kunsilliera Joseph Vella bħala proponent u Rodney Galea bħala sekondant u qalu li ma kellhomx x'iziedu ma dak miktub fil-mozzjoni.

Il-Kunsillier Alfred Grima talab biex issir emenda għal din ir-riżoluzzjoni, b'ġest t'għadqa, jitneħħa l-isem tal-eks Sindku Graziella Galea.

L-emenda titlob li l-aħħar paragrafu jaqra minn "Din ir-Riżoluzzjoni Speċjali..." sa "...l-14 ta' Settembru 2017".

Emenda mressqa mill-Kunsilliera Alfred Grima bħala proponent u Rodney Galea bħala sekondant.

Il-Kunsillier Daniel Grima talab biex issir emenda fl-aħħar paragrafu, sabiex is-sentenza tasal sa fejn hemm miktub "... dak li tgħid il-ligi".

Sekondant il-Kunsillier Antoinette Bezzina.

Ittieħed il-vot għall-ewwel emenda tal-Kunsillier Alfred Grima; 6 Favur: u 5 Astjenew

Favur: Il-Kunsilliera Alfred Grima,Rodney Galea, Paul Bugeja, Edward Bugeja, Stephen Cremona u Joseph Vella.

Astjenew: Is-Sindku Anne Fenech, il-Kunsilliera Daniel Grima, Graziella Galea, Antoinette Bezzina u Dounia Borg.

Il-mozzjoni għaddiet bl-emenda pproponuta mil-Kunsillier Alfred Grima.

*18.16 – Wasal il-Kunsillier Robert Piscopo.*

Ħatra tal-Membri tal-Bord

Is-Sindku Anne Fenech u l-Kunsilliera Robert Piscopo u Stephen Cremona.

Il-Kunsillier Alfred Grima ressaq punt li fil-bordijiet xorta jista jkun hemm għajnuna minn Kunsilliera oħrajn.

Ressaq ukoll punt tal-kjarifika li r-riżoluzzjonijiet speċjali qed jitressqu għall-fatt li kwalunkwe deċiżjoni li ttieħdet tiġi salvagwardjatha mil-liġi u l-Kunsill ikun cert li jekk ħa xi deċiżjoni rigward wahda minn dawn il-mozzjonijiet, ikun kopert biha.

**55/0808/18/I – Riżoluzzjoni Speċjali rigward it-twaqqif ta' Bord ġdid responsabbli mill-attivitajiet kollha li jsiru f'isem il-Kunsill Lokali**

Riżoluzzjoni mressqa mill-Kunsilliera Alfred Grima bħala proponent u Paul Bugeja bħala sekondant.

Il-Kunsillier Alfred Grima qal li r-riżoluzzjoni titkellem ċar u xi ħaġa li nnota hu stess, hi li l-Kunsill preżenti kif ukoll ta' qabel, dejjem jieħu deċiżjonijiet fl-aħħar u meta jiġri hekk, qatt ma jittieħdu fl-aħjar interess tal-lokal.

Il-Kunsillier Graziella Galea ressqet punt ta' kjarifika li l-Bord preċedenti kien ilu kompost għall-attivita' tal-Milied.

Il-Kunsillier Paul Bugeja xtaq iżid li għal madwar Aril 2017, kien talab biex il-Kunsill jibda jaħseb għall-attivita' tal-Milied u l-Kunsill qabel li ssir laqgħa apposta għaliha. Sal-llum ghadha ma saritx din il-laqgħa. Allura jifhem li l-Bord li jinħatar f'din il-laqgħa, jibda jaħseb għall-attivitajiet kollha kemm jista jkun kmieni.

Il-Kunsillier Alfred Grima għamel suġġeriment li l-Bord ma jipproponix rapport sħiħ lill-Kunsill, għax jekk ikun fih tliet partijiet u l-Kunsill ma jaqbilx ma' parti minnu, dan jerġa jintbagħat lill-bord u jintilef iż-żmien.

Il-Vici Sindku Daniel Grima xtaq jagħmel emenda li l-Bord ikun magħmul minn ħames membri u mhux tlieta.

Is-Sindku Anne Fenech issekondat l-emenda.

Il-Kunsillier Paul Bugeja ressaq punt li fil-bordijiet xorta jista jkun hemm għajnuna minn Kunsilliera oħrajn.

Voti għall-emenda; 5 Favur: u 7 Kontra

Favur: Is-Sindku Anne Fenech, il-Vici Sindku Daniel Grima, il-Kunsilliera Graziella Galea, Antoinette Bezzina u Dounia Borg.

Kontra: Il-Kunsilliera Alfred Grima, Rodney Galea, Paul Bugeja, Edward Bugeja, Stephen Cremona, Joseph Vella u Robert Piscopo.

Emenda ma ġietx aċċettata.

Vot għar-Riżoluzzjoni; 7 Favur: u 5 Kontra

Favur: Il-Kunsilliera Alfred Grima, Rodney Galea, Paul Bugeja, Edward Bugeja, Stephen Cremona, Joseph Vella u Robert Piscopo.

Kontra: Is-Sindku Anne Fenech, il-Vici Sindku Daniel Grima, il-Kunsilliera Graziella Galea, Antoinette Bezzina u Dounia Borg.

Riżoluzzjoni għaddiet.

Ħatra tal-Membri tal-Bord

Il-Kunsilliera Joseph Vella, Edward Bugeja u Dounia Borg.

*18.29 – Il-Kunsillier Robert Piscopo qam minn mal-mejda.*

## 55/0809/18/I – Riżoluzzjoni Speċjali rigward it-twaqqif ta' Bord ġdid li għandu jirrikomanda soluzzjonijiet dwar ilmenti u kawżi meħuda kontra l-Kunsill Lokali relatati ma' nċidenti

Riżoluzzjoni mressqa mill-Kunsilliera Mandy Buhagiar bħala proponent u Stephen Cremona bħala sekondant.

*18.30 – Il-Kunsillier Robert Piscopo rritorna mal-mejda*

KUNSILL LOKALI **SAN PAWL IL-BAĦAR** LOCAL COUNCIL
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**
sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888

Il-Kunsillier Stephen Cremona ikkummenta li meta residenti jgħaddu rapport rigward ħsara, dan ir-rapport jgħaddi kemm jista jkun malajr biex jiġi evitat inċident.

Il-Kunsillier Paul Bugeja propona li jekk xi ħadd tiġrilu ħsara fil-karozza,inkunu nafu li tort tal-Kunsill u naċċettaw it-tort, fejn jista' jkun evitat li mmorru l-Qorti, u dawn il-każijiet ikunu solvuti l-kunsill stess, ikun aħjar.

Il-Kunsillier Alfred Grima qal li hu kien membru tal-istess Bord preċedenti imma dan ma ltaqa' prattikament qatt. Meta darba kien hemm laqgħa ta' dan il-Bord, il-membri kienu nformati kwarta qabel il-laqgħa. Il-KunsillierGrima kien kważi wasal il-Kunsill u kif kien hemm l-Avukat ukoll, prova javvanza u ġie preparat bl-ideat li fl-opinjoni tiegħu, anki l-Avukat, waħda mill-affarijiet importanti li sab fuq dan il-Bord, kienet lihemm il-*Finnish Model* fejn anki bniedem li mhux espert, jista jaqta l-kawżi faċilment.

Il-Kunsillier Dounia Borg xtaqet tagħmel emenda li l-Bord ikun magħmul minn ħames membri u mhux tlieta. Il-Kunsillier Graziella Galea ssekondatha.

Voti għall-emenda;

Favur: Is-Sindku Anne Fenech, il-Kunsilliera Daniel Grima, Graziella Galea, Antoinette Bezzina u Dounia Borg.

Kontra: Il-Kunsilliera Alfred Grima, Rodney Galea, Paul Bugeja, Edward Bugeja, Stephen Cremona, Joseph Vella u Robert Piscopo.

Emenda ma ġietx aċċettata.

Vot għar-Riżoluzzjoni;

Qbil unanimu.

Riżoluzzjoni għaddiet.

<u>Ħatra tal-Membri tal-Bord</u>

Il-Kunsilliera Robert Piscopo, Stephen Cremona u Dounia Borg.

## 55/0810/18/I – Mozzjoni rigward il-Kariga ta' Ambaxxatur/Ambaxxatriċi għaż-Żgħażagħ

Mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera Alfred Grima bħala proponent u Stephen Cremona bħala sekondant.

Il-Kunsillier Alfred Grima jemmen li l-ideat taż-żgħażagħ huma bżonnjużi ħafna, aktar u aktar f'lokalita' bħal San Pawl il-Baħar.

Il-Kunsillier Stephen Cremona kkummenta li l-ammont ta' żgħażagħ li hawn fil-lokal hu kbir u hemm bżonn li jiġu rappreżentati.

Il-Kunsillier Paul Bugeja jemmen li l-Kunsill għandu jħeġġeġ iż-żgħażagħ għax il-futur ta' San Pawl il-Baħar huwa fiż-żgħażagħ.

Vot għall-Mozzjoni;

Qbil unanimu.

Mozzjoni għaddiet.

## 55/0811/18/I – Mozzjoni rigward il-kuntratt eżistenti tal-lokazzjoni tal-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali

Mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera Alfred Grima bħala proponent u Mandy Buhagiar bħala sekondant.

Il-Kunsillier Alfred Grima qal li hemm xi affarijiet li xtaq li jkun hemm kjarifika dwarhom, b'referenza għall-Kunsill li kellu kopja tiegħu.

Il-kuntratt isemmi 2 laqgħat li ttieħdu d-deċiżjonijiet, laqgha 31 ta' Kunsill 6 u laqgha 41 tal-istess Kunsill.

**Laqgħa 31** – Kien hemm ksur ta' regolamenti meta ġiet diskussa *item* li ma kinitx fuq l-aġenda u anke meta l-Kunsillier Raymond Tabone kien oġġezzjona u għalhekk il-laqgħa kellha tieqaf immedjatament milli tiddiskuti l-lokazzjoni,iktar u iktar biex tittieħed id-deċiżjoni biex tingħażel il-lokazzjoni.

Kopja tal-aġġudikazzjoni ma sab imkien fil-minuti tal-laqgħa.

Innota wkoll li l-ispiża kapitali tal-lift ma tissemmiex fil-kuntratt, jissemma biss aċċess għall-anzjani.

Il-Kunsillier Alfred Grima staqsa jekk min iccekkja l-pjanti, rax jekk dawn kienux legali. Dan minħabba li l-liġi ma tippermetti l-ebda bini fil-bitħa.

Il-kuntratt jesieġi li l-lift kellu jiġi nstallat fil-bitħa li tagħti għal Triq ix-Xagħra tal-Bandieri. Suppost kellu jkun hemm permess bil-miktub mis-sid li jagħti l-awtorita' tiegħu biex isir il-lift fejn sar.

Talab li jkun jaf min ta l-awtorizzazzjoni.

Il-Kunsillier Alfred Grima rrimarka li kien qed isaqsi dawn il-mistoqsijiet minħabba li f'każ li l-Kunsill imur f'uffiċċju ieħor, is-sid ser jitlob li l-affarijiet jerġgħu jiġu kif kienu.

**Laqgha 41** –Fil-minuti ta' din il-laqgħa msemmi li kien hemm riżoluzzjoni kkwotata fil-kuntratt, pero' l-Kunsillier Alfred Grima qal li din ir-riżoluzzjoni ma tinsab imkien.

Staqsa jekk dan il-kuntratt huwiex legali.

Il-Kunsillier Graziella Galea ressqet Point of Order li l-Mozzjoni l-ewwel għandu jittieħed il-vot, imbagħad jiġi diskuss l-kuntratt eżistenti tal-lokazzjoni tal-Uffiċċju Amministrattiv.

Il-Kunsillier Alfred Grima ma qabilx magħha.

Il-Kunsillier Daniel Grima staqsa jekk din tagħmilx differenza.

Il-Kunsillier Alfred Grima qal li din tagħmel differenza minħabba li l-Kunsilliera jridu jkunu jafu ma' x'inhuma jaqblu.

Il-Kunsillier Alfred Grima qal li l-lokazzjoni għalqet fil-31 ta' Lulju 2017, u l-Kunsill ma telgħax darba għad-diskussjoni f'dik is-sena.

Il-lokazzjoni awtomatikament tiġġedded għal 2 instanzi oħra, li jiswew għal erba' snin oħra.

Punt 1.5 tal-Kuntratt jgħid li jrid isir Att ġdid għal estenzjoni

Punt 3.4 tal-Kuntratt – jekk il-bitha hix approvata mill-PA

Punt 5 tal-Kuntratt – Qatt ġietx ċertifikata li s-servizzi tad-dawl u ilma tal-post, humiex separati minn tal-kumplament tal-binja Il-Kunsillier Paul Bugeja ikkummenta li suppost saret entratura fuq wara tal-binja

Punt 6.2 tal-Kuntratt – x'Kuntratti ġew iffirmati mad-dipartiment responsabbli mill-anzjani?
L-ADSE qalet li d-Dipartiment ikkonferma li ma jeżistux kuntratti.

Il-Kunsillier Graziella Galea qalet li hi ċerta li kien hemm Agreement.
Staqsiet lill-ADSE jekk saqsietx lill-Kunsill jekk qattx irċieva *income* dwar l-Agreement, minħabba li l-Kunsill kellu Agreement u kienu jidħlu l-flus.

Il-Kunsillier Alfred Grima ressaq Point of Order li l-Kunsillier Graziella Galea, parti ma riditx tirrispondi mmedjatament u riedet tirrispondi bil-kitba, u parti riedet tirrispondi dak il-ħin. (1.30.10)

Il-Kunsillier Graziella Galea sostniet li dan hu minħabba li hi ċerta milli kienet qed tgħid għax kien jidħol *income.*

L-ADSE qalet li hi staqsiet biss jekk sarx xi tip t'Agreement, minħabba li f'dan ic-cirkostanzi kull qbil isir b' Agreement.

L-ADSE kompliet billi tgħid li d-Direttur tad-Dipartiment tal-anzjani ikkonferma b'imejl li l-uniku korrespondenza li għandhom min-naħa tagħhom, huwa meta d-Day Centre kien fil-propjeta' tal-l Scouts, pero' xejn wara dak. L-istess imejl waslet dakinhar stess.

Il-Kunsillier Graziella Galea qalet li l-mozzjonijiet qatt ma ntbagħtu lill-Kunsilliera qabel din il-laqgħa. Meta ntbagħtet l-Aġenda l-ewwel  darba, il-mozzjonijiet ma ntbagħtux magħha.

Il-Kunsillier Alfred Grima qal li meta ntbagħtet l-Aġenda l-ewwel darba, il-mozzjonijiet ma kienux inklużi, pero' dawn dejjem kienu l-uffiċċju tal-Kunsill u kull Kunsillier seta' jmur jarahom.

Il-Kunsillier Graziella Galea qalet li suppost il-mozzjonijiet jintbagħtu mal-Aġenda.

Il-Kunsillier Alfred Grima qal li l-liġi tgħid li jekk Kunsillier ma jirċivix id-dokumenti li jkunu ser jiġu preżentati waqt il-laqgħa tal-Kunsill, ma jfissirx li l-laqgħa hi illegali.

Il-Kunsillier Alfred Grima talab li l-informazzjoni li talab waqt il-laqgħa, jirċiviha bil-miktub.
Il-Kunsillier Graziella Galea talbet il-mistoqsijiet li saru waqt il-laqgħa.

Il-Kunsillier Daniel Grima għamel emenda u l-Kunsillier Dounia Borg issekondatu.
Din l-adenda kienet li l-Kunsilliera Alfred Grima u Mandy Buhagiar jiltaqgħu u jaraw il-kuntratt tal-post.

Il-Kunsillier Alfred Grima oġġezzjona għal din l-adenda, peress li kull ma kien qed jiġi diskuss waqt il-mozzjoni seta' jingħad.

Il-Kunsillier Paul Bugeja qal li din il-mozzjoni hija biex turi l-istorja ta' kif il-Kunsill wasal sal-llum, u naraw kif nistgħu nimxu 'l quddiem. Talab ukoll li jiġi analizzat il-kuntratt, minħabba li jekk issir rilokazzjoni, din għandha tkun għal post li jservi sa minn tal-inqas 25 sena, jew inkella jkun post li jinxtera.

Il-Kunsillier Robert Piscopo qal li f'każ li l-Kunsilliera jkollhom mistoqsijiet dwar il-kuntratt, għandu jiġi l-avukat waqt laqgħa u jkunu jistgħu istaqsuh u l-Avukat iwieġeb dak il-ħin.

Il-Kunsillier Alfred Grima qal li mportanti li dak li jgħid l-avukat bil-fomm, jibgħatu lill-Kunsill bil-kitba.

Il-Kunsillier Paul Bugeja sostna li jekk iċ-ċentru tal-anzjani jintbagħat f'post ieħor, u s-sala tiġi utilizzata għall-uffiċċju tal-Kunsill, il-maġġoranza tal-problemi li hemm bħalissa jispiċċaw.

Voti għall-emenda; 5 Favur: u 7 Kontra

Favur: Is-Sindku Anne Fenech, il-Vici Sindku Daniel Grima, il-Kunsilliera Graziella Galea, Antoinette Bezzina u Dounia Borg.
Kontra: Il-Kunsilliera Alfred Grima, Rodney Galea, Paul Bugeja, Edward Bugeja, Stephen Cremona, Joseph Vella u Robert Piscopo.

Emenda ma ġietx aċċettata.

Vot għall-Mozzjoni;

Qbil unanimu.

Mozzjoni għaddiet.

**50.3Tmiem tal-Laqgħa.**

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ____________________ | ________________________ |
| Anne-Marie Fenech | Elke Sghendo |
| Sindku | Agent Deputat Segretarju Ezekuttiv |